# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2533

Każ Nru 3457/RAM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Le Jean Coetzee (0133987A)

(Appellant)

u

Culross Global Investment Management Limited (C49005)

(Soċjeta' Appellata)

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li ma saritx għal raġuni ġusta*

Illum : Il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2018

**Chairman: Richard A Matrenza** **MOM DPE (Oxon) FRES FIoD**

**Introduzzjoni**

Dan il-każ kien tressaq minn Le Jean Coetzee l-Appellant, assistit minn Dr Lara Chetcuti fl-14 ta' April 2016 (Qrati Superjuri ta' Malta Numru 1575 u wasal għand it-Tribunal fl-istess jum) fejn ġie allegat li dan kien ġie illegalment liċenzjat minn mal-Culross Global Investment Management Limited.

Is-Soċjeta' Appellata ċaħdet dan. Hija kienet assistita minn Dr Andrew Borg Cardona.

Peress illi f'dak iż-żmien it-Tribunal Industrijali ma kienx qed jiffunzjona il-Kaz beda jinstema' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2016.

Inżammu disa'(9) Seduti: l-aħħar waħda bit-trattazzjoni bejn il-partijiet saret Il-Ġimgħa, 16 ta' Marzu 2018 .

Irid jingħad mill-ewwel illi minħabba l-fatt illi sew għall-Appellant kif ukoll għal dawk ix-xhieda illi l-ilsien mitkellem mhuwiex l-ilsien Malti, it-Tribunal, għall-pratticita' u biex jiġu evitati spejjez ta' tradutturi, qabel illi ċerti waqtiet tintuża il-lingwa Ingliża. U dan kif tipprovdi wkoll il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għandu jingħad illi minħabba numru ta' differimenti il-Każ ma setgħax jintemm fi żmien erba' ġimgħat kif stipulat f'artiklu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta'Malta.

**2. Il-Fatti tal-każ fil-qosor kif preżentati.**

**Appellant**

L-Appellant kien ġie impjegat fuq bażi '*whole-time*' għal żmien specifikat bħala '*Head of Operations*'.

L-Appellant darba ntalab jagħmel trasferiment sostanzjali ta' ammont ta' flus minn persuna *"li pproġettat ruħha bħala l-Fund Manager tal-kumpanija intimata Nigel Blanshard"*.

Fl-istqarrija tiegħu l-Appellant qal li *"sussegwentement irriżulta li l-emails ma kienux effettivament mibgħuta minn Nigel Blanshard, iżda minn persuna oħra li l-identita' tagħha mhix magħrufa li aġixxiet bħala Nigel Blanshard b'mod qarrieqi......"*.

L-Appellant *"jikkontesta bil-qawwa kollha r-raġuni mogħtija mill-kumpanija intimata għat-terminazzjoni tal-impieg qabel iż-żmien specifikat fil-kuntratt u jisħaq li l-istes raġuni hija inveriteria"*.

**Is-Soċjeta' Appellata**

Is-Soċjeta' Appellata sostniet fl-istqarrija tagħha tal-każ illi *"Applicant was dismissed summarily for good and sufficient cause at law"*.

Qalet ukoll *"after having been given a fair and reasonable hearing on the matter, for gross misconduct in the manner in which he carried out his duties"*.

Is-Soċjeta' Appellata għalqet is-sottomissjoni inizjali tagħha bil-kliem "*his employment was terminated summarily on the basis of gross misconduct and gross negligence"*.

Fost in-numru ta' xhieda sejħet lil:

a) Charlene Carabott: *to confirm the summary of events as prepared during the meeting referred to.*
b) Representative of the MFSA *: to describe the "fit and proper" requirements that impact the case.*

**Nota:** għal aktar dettalji ara t-*transcripts* pertinenti.

Hawnhekk dan it-Tribunal irid jingħaqad ma dak li kien ippronunzja ruħu Tribunal preċedenti meta inkiteb *"Tribunal Decision has nothing to do with criminal proceedings"* *(Kurt Borg v Coninthia Palace Hotel Co Ltd. 17.10.2003).*

**3. Osservazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal irid josserva dwar l-imġieba tas-Soċjeta' Appellata, in-nuqqas effettiv waqt is-seduti ta' min skont il-Liġi għandu d-dmir u d-dritt ta' Rappreżentanza.

It-Tribunal jagħmel referenza partikolari għan-nota li ġiet preżentata waqt is-seduta tal-Ġimgħa 14 ta' Lulju 2017 (is-seba' (7) Seduta).

Dwar dan wieħed għandu jara wkoll it-*Transcript* uffiċjali ta' dik is-seduta kif infilsati fil-proċess, u dak li nkiteb mis-Segretarja tat-Tribunal fil-minuti tal-laqgħa. (ara minuti seduta 14.07.17 u paġna 01 tat-*transcript* tal-istess seduta).

Joħroġ ċar minn dak li qalet Charlene Carabott**,** kollega tal-Appellant meta xhedet bil-ġurament:

Av.L C. *Were you ever involved in the HR – Human Resources?*

*Ms C. C. no never*

*Av. L.C. so why therefore did Nigel request you to take Le Jean's statement regarding this Situation? Do you know why he specifically asked you to take this statement?*

*Ms C.C. I was the only person in the office so there was only me to do it right away, while the issue was still fresh. We do not have an H.R person.*

(seduta: Il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2017 t*ranscripts* paġna 3/12)

Irid jittniżżel ukoll skont ma ħareġ mix-xhieda tal-istess Soċjeta' Appellata illi l-Appellant kien ingħata *'Hobson's Choice'* jew jirriżenja jew jitkeċċa.

Hawnhekk tidħol dak li kitbu awturi serji illi "*forced resignation is dismissal*"

*"Forced resignation is dismissal. An apparently voluntary agreement to quit can be a dismissal if the facts show your boss forced you into resigning".*

("Rights at Work" - Jeremy Mc Mullen (Dismissal p.15) A Worker's Guide to Employment Law - Photo Press 1979).

## 4. Konsiderazzjonijiet

Dan il-każ jimpernja ruħu fuq il-fatti li ħarġu mix-xhieda u dokumenti esebiti. Jirriżulta illi s-Soċjeta'Appellata bħala l-*employer* kellha attitudni *ta' 'Hire and Fire'* u kif ukoll ta' *'a Cavalier attitude'- ie showing a lack of proper concern* fejn jidħol il-kuntratt tax-xogħol u l-prinċipji fundamentali ta' Dmir u Dritt fil-proċeduri biex ikun hemm armonija u ġustizzja li għandha tkun manifestata fir-relazzjoni tal-impieg. Is-Soċjeta' Appellata wisq tidher li titlob u teżerċita id-drittijiet tagħha filwaqt li tinsa li l-Appellant kellu u għandu wkoll Drittijiet sew skont ma titlob il-Liġi tal-Ġustizzja Naturali kif ukoll il-Liġijiet u l-prattiċi stabbiliti tal-pajjiż. Dan jidher ampjament fil-Kuntratt ta' Xoghol li tat lill-Appellant.

It-Tribunal mhux qed iressaq dan minn żniedu iżda msejjes fuq x'qalu u kitbu awtoritajiet kif jidher hawn taħt:

*"the contract of employment forms the starting point of any account of the law governing the relations between worker and employer".*
("The Contract of Employment" – M.R. Freedland Oxford Univ. Press 1976 2nd Paper).

*Kahn-Freund, writing in 1954, suggested that it was important as a legal framework for rights and obligations created by systems of industrial relations (op.cit. p.3) Vide Chapter II (*'The System of Industrial Relations in Great Britain" ed. - Flanders and Clegg (Oxford, 1954) p.45).

Ma ġewx osservati kif inhu tabilħaqq xieraq il-proċeduri ta' '*Grievance Procedure*' u '*Disciplinary Procedures*' biex is-Soċjeta' Appellata waslet għad-deċiżjoni serja u finali tat-tkeċċija.

*To carry out accurate diagnosis not only requires knowledge of the organisation itself as a socio-techinncal system but a knowledge of the economics, legal, political and social environment within which the organisation exists and to which it has to adapt in order to survive and develop.*
("Industrial Behaviour & Personnel Management" – Tom Lupton - Institute of Personnel Management, London 1978 - Management Paperbacks. p.78)

*<u>Grievance Procedure:</u> An employee needs to know to whom, whom he should go if he believes he has been unfairly treated. (para. 12).*

*<u>Disciplinary rules:</u> The best contracts refer to an easily accessible document which sets out not only the grievance procedure but the employer's detailed policy in this area.(para.13).*
("The Perfect Dismissal – All You Need To Get It Right First Time" – John McManus - Century Business, London 1993).

Is-Soċjeta' Appellata kienet aktar interessata biex issalva wiċċha u tħares l-interess tagħha mal-Awtoritajiet Finanzjari tal-pajjiż milli timxi mal-proċeduri stabbiliti qabel ma ħaddiem jitlef xogħolu u r-reputazzjoni tiegħu, aktar u aktar f'linja tax-xogħol bħal dik tal-Appellant fejn ir-reputazzjoni tiegħu hija assoluta.

It-Tribunal irid iżid ma dak li diġa' elenka bid-dettal dwar in-nuqqas ta' professjonalita' kif is-Soċjeta Appellata – l-*Employer* ittrattat każ serju bħal dan.

Ikompli jingħad ukoll kif, minflok ma ħalliet investigazzonijiet isiru minn persuni indipendenti, għażlet li dawn isiru minn tliet Diretturi tas-Soċjeta Appellata stess u minn kollega tal-istess *Head of Operations* – l-Appellant – li skont l-istruttura tas-Soċjeta' kienet taqa' taħtu fil-grad.

Fuq kollox deher car li l-*employer* (Is-Soċjeta' Appellata) lanqas tikkonoxxi li l-impieg huwa sagru.

**<u>Punti saljenti kkunsidrati</u>**

Għal dawk ir-raġunijiet kollha kif spjegati u milli ħareġ mix-xhieda diversa kif maħlufa it-Tribunal kkunsidra:

a) Illi t-tkeċċija tal-Appellant mis-Soċjeta' Appellata ma saritx skont il-prattika serja bejn ħaddiem u min iħaddem;
b) Ma ġewx osservati kif inhu tabilħaqq xieraq il-proċeduri ta' '*Grievance Procedure'* u *'Disciplinary Procedures'* biex is-Soċjeta' Appellata waslet għad-deċiżjoni serja u finali tat-tkeċċija;
c) Is-Soċjeta' Appellata ħasbet biss fl-interessi tagħha biex issalva wiccha mal-Awtoritajiet Finanzjarji tal-pajjiż u injorat id-dmirijiet tagħha li kellha timxi mal-proċeduri kollha, korretti u stabbiliti kif ukoll id-drittijiet tal-Appellant, qabel ma tterminat ir-relazzjoni tax-xoghol mal-Appellant li ġie mkeċċi

Dan it-Tribunal irid jerġa jenfasizża, kif diġa' għamel waqt l-andament tal-każ, dwar il-valur prattiku ta' tentattivi ta' konċiljazzjoni, sew volontarja bejn il-partijiet, jew b'xi mod ieħor.

Huwa ampjament evidenti illi dan ma sarx, l-istess bħalma jirriżulta illi s-Soċjeta' Appellata la għandha fir-realta' proċedura stabbilita dwar Ilmenti (*Grievance Procedure*) u wisq anqas proċedura ta' Dixxiplina, kif għandu jkollu minn iħaddem Relazzjonijiet Industrijali korretti.

*"Disciplinary disputes set difficult problems when they come before a conciliator. They can be fraught with bitterness and hostility when the penalty imposed was dismissal.......... some employers still adhere to the conception that the "right to hire and fire" is a management prerogative....... it is often possible for a conciliator to establish the facts and by so doing to convince either the employer that he acted without just cause or was too severe........that the penalty was well deserved.*

("Conciliation in Industsrial Disputes – a practical guide" (Disciplinary action p.15)
Inernational Labour Office Geneva 1973

## 5. Deċiżjoni

Wara li t-Tribunal sema' lix-xhieda b'attenzjoni, fela' bir-reqqa d-dokumenti kif preżentati, sema' it-trattazzjoni finali taż-żewġ naħat, Appellant u Soċjeta' Appellata, studja l-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq, kif ukoll ha konjizzjoni ta' dak li tgħallem il-letteratura pertinenti dwar Relazzjonijiet Industrijali kif inhu xieraq u sewwa, jaqta' u jiddeċiedi illi l-impieg tal-Appellant ma ġiex terminat għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

## 6. Kumpens

Għaldaqsant u għal dawn ir-raġuniiet kollha it-Tribunal jordna lis-Soċjeta' Appellata biex:

i) Tqis illi l-impieg tal-Appellant qisu qatt ma ġie interrott u tħallsu dak kollu li hu dritt tiegħu mill-mument li twaqqaf mix-xogħol;
ii) illi trid tħallas is-sehem tagħha fejn jidħlu kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali u jekk ikun il-każ kull ħlas dovut minnha lill-Istat Malti biex l-Appellant ikun meħlus minn kull responsiabbilta';
iii) Toħroġ Ċertifikat ta' Temm tal-Impieg nadif u li bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat mod ieħor minn min jaqrah;
*iv)* Kopja ta' din id-deċiżjoni sħiħa kif ukoll kopja taċ-Ċertifikat ta' Temm tal-Impieg nadif iridu jintbagħtu bla dewmin lic-*Chairman tal-Malta Financial Services Authority;*
v) Dan kollu ta' hawn fuq irid isir fi żmien mhux aktar tard minn tletin (30) jum ta' xogħol mid-data ta' din id-deċiżjoni;

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

## 7. Drittijiet Statutorji ta' min jassisti

L-Avviz Legali 48 tal-1986 jobbliga illi l-partijiet ma jistgħux jitħallsu iżjed minn total ta' €93 irrispettivament minn kull pretenzjoni oħra li jista jkollhom dwar dan il-każ.

Iffirmat : Richard A Matrenza
Chairman

Mogħti u moqri fil-pubbliku illum il-Ġimgha 25 ta' Mejju 2018.

Mehmuz: lista tad-dokumenti esebiti – Dok A u DokA(i)

Mary Rose Galea
A/Segretarja

**DOK A**

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI - KAŻ Nru 3457/RAM – Deċiżjoni Nru: 2533**

**Dokumenti esebiti mis-Soċjeta' Appellata u mill-Appellant li jinsabu fil-PROĊESS**
**(Lista f'ordni kronoloġika)**
**mis-Soċjeta' Appellata:**

Dok L J C 1. 02 November 2015 Pagni 01/06
Kuntratt ta' xogħol. **Paġni inizjalati biss mill-*Employe*r. Mingħajr firma tal-*Employer***
Firmat 16.12.2015 minn L.J.Coetzee datat 16.12.2015
Para.12 Referenza għal *Compliance Manuals* – ma ġewx preżentati.
Para 15 *Company Codes of Conduct* – ma ġewx preżentati
Ukoll Para 16 u Para 19.

31st July 2015 (bla referenza) Kopja ta' ittra mill-Authorisation Unit tal-Malta Financial Services Authority fuq il-firma ta' Robert Higgans, Deputy Director indirizzata lid-Diretturi tas-Soċjeta' Appellata fejn intalbu speċifikament:

i) "Receipt of a reference letter from RaboBank as Mr Coetzee's main former banker;
ii) Receipt of the signed Board of Directors resolution approving the said appointment
and
iii) The satisfactory conclusion of any outstanding diligence enquiries"

**L-ebda tweġiba għal (i)(ii) u (iii) ma ġiet esebita.**

Dok L J C 2 Tlettax (13)-il skambju ta' emails bejn 06 ta' Jannar 2016 – 13 ta'Jannar 2016.

Dok L JC 3 Tliet (3) paġni HSBC net.
Acknowledgement – Customer Transfer (create) HSBC net

DOK L J C 4 Seba' (07) paġni HSBC Statement Details.

Kok L J C 5 Paġna waħda Invoice for Projects Payment
December 22, 2016 Mind Coral International
Attn. Nigel Blanshard

Dok L J C 6 Paġna waħda
January 05, 2016 (as above)

Dok L J C 7 28th January 2016 Ittra bl-Ingliż lill-Appellant mis-Soċjeta' Appellata dwar terminazzjoni tal-Impieg.
**Firmata (bla identifikazzjoni Ċara)**
**"On behalf of Culross Global Investment Management Ltd**

11 October 2016 "Culross Global Investment Management Ltd's ("the Company")
Case against Mr Le Jean Coetzee ("L J C" )
Tnax (12)-il paġna
**Mingħajr isem u firma ta' min għamel dan. L-ebda paġna ma hi inizjalata.**

17 October 2016 Witness Statement of Richard Thomson Wight (Director) Żewġ(02) Paġni
Signature u witness (Charlene Carabott)

18 October 2016 Tribunal waslitlu "statement of Case of Respondents"
Inkluża lista ta' "witnesses" Żewġ (02) paġni

20 October 2016 Tribunal waslitlu "Application of Respondents" Paġna (01) waħda.

20 October 2016 Witness Statement of Nigel Gove Blanshard
Director, chief Investment Officer Seba' (07) Paġni

Correspondence and meetings with Mr Le Jean Coetzee ("L J C")
Signature (24.10.16) Witness

**Isem mhux ċar KONTROLLIERT**
**'prosper ag**
**treuhand & beratung**

21st October 2016 "Witness Statement of Dominic Anthony Chapman"
(Director - Pending MFSA approval and Culross Group C.F.O.)Tliet (03) Paġni

a) **paġna 02 mhux inizjalata**
b) **signature u witness (firem biss, m'hemmx minhuma)**

-----------------------------------------------------

**Dokumenti esebiti li jinsabu fil-Proċess**
**(Lista f'ordni kronoloġika)**
**<u>mill-Appellant:</u>**

14 April 2016 Rikors Numru 1575 Imħallas Tliet(3) paġni

21 October 2016 Lista ta' Dokumenti /Lista ta' Xhieda Żewġ (02) paġni

13 ta' Jannar 2017 AFFIDAVIT of Le Jean Coetzee, holder of Maltese Residence Card Number 0133987A and residing at 470, Fresia Court, Flat 2, Triq il-Qaliet, Marsascala.

Firmat u Inizjalati: Daniela Aquilina BA LP
Commissioner for Oaths)

Disa'(09) paġni

---

**NOTA:** Is-Seduti kollha ġew traskritti mir-reġistrazzjoni tat-*tape recording.*